MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 137/2014

**Luigi Agius**

**(670132 M)**

**vs.**

**Jimmy Vella**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza fl-istess ismijiet kif fuq indikati, rikors numru 112/12, deciza minn din il-qorti diversament preseduta fis-27 ta' Frar, 2013, (ara foll 4 *et* sequitur), l-istess qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrenti;

1.2. Illi l-istess sentenza nghatat wara li l-istess intimat kien notifikat, naqas li jipprezenta risposta, u ghalhekk kien fi stat ta' kontumacja, (ara foll 6);

1.3. Illi kif jidher mir-riferti ta' l-istess, rispettivament datati l-15 ta' Frar, 2012, u t-2 t'Ottubru, 2012, ir-rikorrenti odjern hemm intimat qatt ma kien debitament notifikat bir-rikors *de* quo, (ara foll 8 u 9);

1.4. Illi tali sentenza inghatat a bazi tal-verbal datat il-31 t'Ottubru, 2012, fejn jirrizulta dikjarat li l-intimat hemm involut kien notifikat bl-atti u bl-avviz tas-smiegh, (ara foll 10);

1.5. Illi ghandu jkun pacifiku li r-rikorrenti qatt ma gie hemm debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz relattiv ghas-smiegh *ai termini* ta' l-artikli 187 u 188 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6. Illi ghalhekk is-sentenza in dizamina ghandha tigi imhassra *ai termini* ta' l-artiklu 811(b) u 818(1) (b) ta' l-istess Kap 12 fuq indikat;

1.7. Illi r-rikorrenti induna bil-kawza meta ircieva zewg (2) ittri legali datati s-27 ta' Novembru, 2013, u t-13 ta' Jannar, 2014, fejn l-ispejjez u d-drittijiet relattivi kienu gew rikjamati, (ara foll 11 u 12), li ghaliha rrisponda permezz t'ittra datata l-20 (mhux 13) ta' Jannar, 2014, (ara foll 13 u foll 2);

1.8. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex l-intimat jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti qatt ma gie debitament notifikat bl-atti tar-rikors guramentat in dizamina;

1.8.2. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza relattiva fuq indikata;

1.8.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Luigi Agius kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta datata l-14 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

2.1. Illi r-rikors odjern hu irritu u null peress li r-ritrattant hu attur f'kawza ta' ritrattazzjoni;

2.2. Illi ghalhekk ma jistax jindika lilu nnifsu bhala konvenut *stante* li l-procedura ta' ritrattazzjoni hi kawza gdida mhux kontinwazzjoni ta' l-ewwel kawza;

2.3. Illi r-rikors guramentat promotur odjern hu irritu u null ghaliex ukoll qed jigi mitlub it-thassir ta' sentenza minghajr mhu qieghed jintalab r-ritrattazzjoni taghha mill-gdid;

2.4. Illi r-rikors guramentat ta' ritrazzjoni timporta zewg (2) stadji:

2.4.1. Dik *in rescindere*; u

2.4.2. Dik *in rescissorio*;

2.5. Illi l-kawza saret tardivament *stante* li r-rikorrenti intimat Jimmy Vella kien ilu jaf bis-sentenza ghal aktar minn tlett (3) xhur minn meta intavola l-kawza odjerna;

2.6. Illi mhux minnu li Vella ma kienx notifikat skont il-ligi fl-ewwel kawza;

2.7. Illi jidher li l-istess Vella kien ta' ordni biex ma jigux accettati atti tal-qorti;

2.8. Illi r-rifjut ta' notifika jitqies bhala notifika effettiva;

2.9. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors guramentat promotur in dizamina ghandhom jigu respinti;

2.10. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Illi jirrizulta li bejn il-25 ta' Marzu, 2014, u l-14 t'Ottubru, 2014, il-kontendenti kienu qed jaghmlu sforz biex jittransigu l-vertenza in dizamina, (ara foll 25 sa 29);

4. Illi skont il-verbal datat l-14 t'Ottubru, 2014, il-kawza giet stradata mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jigu trattati l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet sollevati mill-intimat Agius, (ara foll 29);

5. Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli rapprezentanti legali *de quo* fuq l-istess l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati, (ara foll 40);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi qabel xejn, analizi tal-fatti in dizamina jista` jigi elenkat bil-mod segwenti:

6.1. Illi effettivament jirrizulta li l-kawza odjerna hi indikata fl-ismijiet Luigi Agius vs. Jimmy Vella, (ara okkju ta' l-istess kif indikat mir-rikorrenti bil-gurament tieghu stess a foll 1);

6.2. Illi pero`, *nonstante* li Jimmy Vella qieghed hekk indikat bhala l-persuna lanjata, qieghed fil-fatt jilmenta u jagixxi hu stess bhala persuna lanjanti u allura, bhala rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi rikors promotur ghandu jigi intavolat bil-mod kif stabbilit fl-artiklu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li sintitkament jistabbilixxi s-segwenti:

7.1. Illi rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur;

7.2. Illi dan ghandu jkollu essenzjalment is-segwenti:

7.2.1. L-oggett tal-kawza li jaf personalment f'paragrafi numerati;

7.2.2. Ir-raguni tat-talba;

7.2.3. It-talbiet, ukoll enumerati;

8.0. Illi l-intimat ghandu jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien indikat u *ai termini* ta' dak stabbilit fl-artiklu 158 ta' l-imsemmi Kap, u jekk it-talbiet tar-rikorrenti ma jkunux ser jigu ammessi mill-intimat, ghandu:

8.1. Jipprezenta l-eccezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jingibux fil-bidu tal-kawza;

8.2. Jipprezenta eccezzjonijiet fuq il-mertu;

8.3. Jiddikjara il-fatti bil-gurament f'paragrafi enumerati wkoll;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghalhekk *ictu oculi* il-procedura odjerna tippekka gravament fil-logika procedurali kif stabbilita fl-artikli tal-Kap 12 fuq riferiti;

10. Illi minn analizi ta' l-istess ghandu jkun pacifiku li hu biss ir-rikorrenti li hu intitolat jipprezenta l-ilment tieghu gudizzjarjament;

11. Illi *a rigor di logica*, hu biss l-intimat li ghandu jirrispondi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

12. Illi dawn is-suggetti tad-dritt hekk moghtija il-kapacita` li jintervjenu gudizzjarjament huma biss dawk kif jirrizultaw fl-okkju li jindika l-protagonisti tal-procedura u il-kapacita` taghhom fl-istess;

Ikkunsidrat:

13. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li dan hu determinat mill-okkju li jaghti bidu ghal-procedura u jiddetermina l-kuntest in dizamina;

14.0. Illi minn ezami ta' l-okkju li ta' bidu ghall-procedura odjerna jirrizulta s-segwenti: (ara foll 1)

14.1. Illi r-rikorrenti attur hu Luigi Agius;

14.2. Illi l-intimat eccipjenti hu Jimmy Vella;

14.3. Illi *di piu`*, l-istess rikors guramentat promotur hekk indikat bl-okkju fuq riferit hu intestat bis-segwenti:

"Cit. Nru. 112/12JA", (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

15. Illi in effetti l-procedura odjerna ggib numru differenti, senjatament Rikors Numru 137/14/SM – mhux kif indikat fl-okkju in dizamina b’tipa grassa fil-procedura odjerna, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

16. Illi tenut kont tas-suespost, ir-rikorrenti odjern jirrizulta li hu Luigi Agius;

17. Illi ghalhekk hu biss l-imsemmi Agius li hu statutorjament legittimament indikat u allura awtorizzat li jipprezenta l-lanjanzi tieghu fil-procedura odjerna;

18. Illi bil-maqlub jirrizulta li hu l-intimat Jimmy Vella li qieghed jipprezenta l-ilmenti u t-talbiet tieghu biex dawn jirrispondihom ir-rikorrenti Agius;

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li hawn *si tratta* ta’ konfuzjoni procedurali li mhix kontemplata fil-ligi u ma tistax tigi tollerata;

20. Illi ghalhekk din il-procedura hi rrita u nulla, u ma tistax tattira l-avall ta’ din il-qorti;

**DECIDE:**

21.0. Illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost, tilqa` l-ewwel risposta kif sollevata minn Luigi Agius, u ghalhekk:

21.1. Tiddikjara l-procedura odjerna kif sollevata minn Jimmy Vella bhala irrita u nulla;

21.2. Tissopprasjedi fuq l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra *stante* li issa jirrizultaw superati;

21.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-fuq imsemmi Jimmy Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------